# QORTI ĊIVILI

# PRIM'AWLA

# ONOR. IMĦALLEF

# LAWRENCE MINTOFF

## Seduta tat-12 ta' Frar, 2016

Rikors Maħluf Numru: 1189/14LM

**Enemalta plc (C65836) ġja magħrufa**
**bħala l-Korporazzjoni Enemalta**

**vs**

**Anthony Schembri**
**detentur tal-Karta tal-identità 671761M**

**Il-Qorti,**

Rat ir-Rikors Maħluf tas-soċjetà attriċi Enemalta plc (minn issa "is-soċjetà attriċi") maħluf minn Eric Montfort, in rappreżentanza tagħha, ippreżentat fit-30 ta' Diċembru, 2014 li permezz tiegħu titlob il-kundanna tal-konvenut għall-ħlas tas-somma ta' tnejn u sittin elf, disgħa mija tmienja u tmenin Euro u sittin ċenteżmu (EUR 62,988.60) liema somma tirrappreżenta l-ammont dovut bħala prezz ta' *fuels* mogħtija lill-konvenut, kif jirriżulta mir-rendikont anness "Dok A"

bl-ispejjeż inklużi dawk tal-mandat ta' sekwestru kawtelatorju numru 1152/14 bl-imgħax legali mid-dati tal-fatturi relattivi.

Rat l-affidavits ta' Eric Montfort, ta' Godrey Scicluna, Johan Pace u tal-Inġinier Charles Grixti ippreżentati mis-soċjetà attriċi, flimkien mad-dokumenti magħhom esebiti.

Rat il-verbal tal-udjenza tas-17 ta' Frar, 2015 fejn, wara li aċċertat ruħha li l-konvenut ma kienx ippreżenta risposta maħlufa, din il-Qorti ddikjarat lill-konvenut bħala kontumaċi għall-finijiet u effetti kollha tal-liġi.

Rat ir-rikors tal-konvenut Anthony Schembri (minn issa "il-konvenut') ippreżentat fid-19 ta' Frar 2015 li permezz tiegħu ġieb raġunijiet għall-kontumaċja tiegħu u talab li jissottometti risposta ġuramentata.

Rat ir-risposta tas-soċjeta`attriċi ppreżentata fis-06 ta' Marzu, 2015.

Rat il-provvediment tagħha tal-10 ta' Marzu, 2015 li permezz tiegħu qieset li l-konvenut irnexxielu jipprova għas-sodisfazzjon tagħha raġuni tajba l-għalfejn naqas li jippreżenta r-risposta ġuramentata fiż-żmien li jmiss u tagħtu għoxrin jum biex jippreżentaha;

Rat ir-Risposta Maħlufa tal-konvenut li permezz tagħha wieġeb li l-allegazzjonijiet tas-soċjetà attriċi huma infondati fil-fatt u fid-dritt.

Semgħet id-depożizzjonijiet ta' Eric Montfort għas-soċjetà attriċi u tal-konvenut.

Rat in-nota tas-soċjetà attriċi li permezz tagħha rriduċiet it-talba għal €61,488 stante pagament ta' €1,500 fil-mori tal-kawża.

Rat il-verbal fl-udjenza tas-16 ta' Diċembru 2015 li permezz tiegħu il-kawża tħalliet għal-lum għas-sentenza;

U billi s-soċjetà attriċi ġiebet prova sodisfaċenti tal-kreditu tagħha li wara kollox ġie ammess mill-konvenut permezz tad-depożizzjoni tiegħu.

**Decide**

**Għar-raġunijiet kollha premessi, din il-Qorti qiegħda taqta` u tiddeċiedi din il-kawża billi tikkundanna lill-konvenut sabiex iħallas lis-soċjeta` attriċi s-somma ta` wieħed u sittin elf, erbgħa mija u tmienja u tmenin euro u sittin ċenteżmu (€61,488.60) li tirrappreżenta l-ammont dovut bħala prezz ta' *fuels* mogħtija lill-konvenut bl-imgħax legali b'effett mid-dati tal-fatturi relattivi sad-data tal-effettiv pagament.**

**Tikkundanna wkoll lill-konvenut sabiex iħallas l-ispejjeż inklużi dawk tal-mandat ta' sekwestru kawtelatorju numru 1152/14.**

**Moqrija.**

--------------------TMIEM---------------------